MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2006

Numru. 898/2002

PULIZIJA
SPETTUR PAUL BOND
VS
KEVIN DEBONO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kevin Debono, ta' 30 sena, bin Joseph u Monica nee' Grech, imwieled Tas-Sliema fl-14 ta' Frar 1972, u residenti Area 1, House 2, Housing Estate, Lapsi Street, Ta' Giorni, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 100272(M), u akkuzat talli fil-25 t'Ottubru 2002, ghal habta ta' bejn il-hdax ta' bil-lejl (11.00pm), u nofs il-lejl, waqt li kien fil-post maghruf bhala Ta' Cassia, limiti tal-Qawra, minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmel Hartley f'periklu car, tah daqqa bi strument bil-ponta u li jaqta' (mus), fuq in-naha tax-xellug ta' genbu u kkagunalu offiza ta' natura gravi, u dan skond ma' kif iccertifika t-tabib Adrian Spiteri tal-Isptar San Luqa.

Akkuzat ukoll talli waqt li kien sejjer jikkommetti l-imsemmi delitt kellu fil-pussess tieghu arma li taqta' u bil-ponta (mus), u talli kellu fil-pussess tieghu u garr fuqu l-istess arma minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurezza tal-imsemmi Carmel Hartley jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Kevin Debono b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 109), taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-1 ta' Marzu 2005 (a fol 116) fejn l-imputat ma kellug oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghat-tieni akkuza, u ammetta li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Hartley.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Paul Bond (a fol 11 et seq), jirrizulta li fis-26 t'Ottubru kien gie nfurmat li kienet inqalghet glieda f'Ta' Cassia Nightclub, bhala rizultat ta' liema glieda, Carmel Charles Hartley kien sofra minn ferita f'genbu tan-naha tax-xellug. Gie nfurmat ukoll illi b'konnessjoni ma' din il-glieda, kien gie arrestat l-imputat. Saret tfittxija fuq l-imputat Kevin Debono, u minn fuq il-persuna tieghu, il-Pulizija elevaw mus, l-esebit PB.

L-imputat kien gie nterrogat mill-Ispettur Bond fil-prezenza ta' PS 1174 D.Sciberras, u rrilaxxa stqarrija dokument PB1 a fol 15. Fl-imsemmija stqarrija, l-imputat Debono, l-

ewwel ammetta illi kien vera li kien ta daqqa ta' mus lill-vittma Hartley, izda sussegwentement, jghid li ma jiftakarx x'gara, u li ma jafx jekk tah xi daqqa b'xi mus ghaliex kien xurban. Spettur Bond xehed illi huwa kien mar l-isptar jitkellem mal-vittma Hartley, u kkonferma illi l-imputat kien beda joffendih mit-tarf estrem tal-'counter' tal-'bar', li huwa (Hartley) mar ghas-sodisfazzjon, u dak il-hin l-imputat hareg mus u tah daqqa bih. Hartley ammetta illi wara dan kollu, huwa kien ta daqqa fuq wicc l-imputat biex jiddefendi lilu nnifsu.

Ic-certifikat mediku ta' Hartley gie esebit bhala dokument PB2. F'dan ic-certifikat il-griehi ta' Hartley gew indikati bhala 'grevious' (ara a fol 16).

Spettur Bond esebixxa dokument PB4 a fol 18, li juri li Kevin Debono ma kellu ebda licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izomm jew igorr arma li taqta' u bil-ponta.

PS 298 Joseph Grima, a fol 19 et seq, ikkonferma li huwa kien gie msejjah fil-25 t'Ottubru sabiex jaghti assistenza lill-Pulizija tad-Distrett tal-Qawra, f'Ta' Cassia Nightclub, fejn kien sab lil Kevin Debono mmanettjat. PS Grima kkonferma li huwa kellem kemm lill-imputat kif ukoll lil Carmel Hartley, u ddepona fuq il-verzjonijiet tal-protagonisti tal-kaz – u cioe' dawk diga' moghtija mill-Ispettur Bond. PS Grima kkonferma wkoll illi l-Pulizija kienet irceviet telefonata mill-Isptar San Luqa fejn gew infurmati illi l-ferita' ta' Hartley kienet 'grevious'. PS Grima kkonferma wkoll li fuq il-persuna ta' Kevin Debono kien instab mus illi kien gie identifikat bhala l-esebit PB.

PS 1174 Adrian Sciberras ikkonferma l-prezenza tieghu fit-tehid tal-istqarrija tal-imputat, dokument PB1.

Charles Hartley, a fol 24 et seq, xehed illi huwa kien mar Ta' Cassia, qal illi waqt illi kien qieghed mal-'bar' qed jordna 'drink', beda jisma' kliem ta' dagha gej fil-konfront tieghu mit-tarf l-iehor tal-'bar'. Wara ftit, Hartley induna li l-imputat kien beda joffendih bil-mejtin tieghu. Illi allura, Hartley avvicinah u staqsih jekk garax xi haga, u minn

hemmhekk l-imputat qabad u xejjirlu daqqa ta’ mus, **‘kif wasalt hdejh qedtlu gara xi haga, daqqa ta’ mus mill-ewwel.’** (ara fol 25). Hartley identifika lill-imputat bhala l-persuna li filfatt kien tah dik id-daqqa ta’ mus f’genbu. Il-kwerelant qal li sussegwentement, cempel 191 u gew il-Pulizija wara ftit minuti, fejn dawn arrestaw lill-imputat u elevaw mus minn fuq il-persuna tieghu. Hartley ikkonferma illi huwa ma kienx jaf ir-raguni ghall-azzjoni tal-imputat: **‘le nixtieq inkun naf ir-raguni, nixtieq inkun naf onestament ghax bhalma ghamel lili seta’ jaghmel lit-tfal ta’ xi hadd minnkom hawn gew, bniedem li lanqas biss…’** (ara xhieda a fol 28).

A fol 29, Hartley ikkonferma li l-gerha tieghu filfatt tirrikjedi l-punti, u li kien ghadu qed imur ghat-terapija u messaggi. Huwa kkonferma illi kien qed jikkurah Dr Ian Gatt, u pprezenta certifikat dokument CH. Hartley stqarr, in kontro ezami, illi l-imputat kien zamm il-mus taht l-bank, u kien biss meta avvicinah illi ra l-arma.  Hartley sostna illi wara l-incident, l-imputat pogga l-mus fil-but.

PC 1011 ikkonferma li f’Ottubru 2002, kien gie msejjah jassisti fi glieda Ta’ Cassia l-Qawra, flimkien ma’ PC 1384 Felix Sammut, fejn sabu lill-imputat li gie arrestat, fejn twettqet tfittxija fuqu u gie elevat mus.

PC 1384 Felix Sammut, a fol 55 et seq, ikkonferma x-xhieda ta’ PC 1011 Mula u kkonferma l-elevar tal-mus, l-esebit CB. PC Sammut xehed li huwa ra l-ferita fuq Hartley u xehed illi kienet xi zewg centimetri u kienet fuq il-genb tal-persuna.

Dr Adrian Spiteri, a fol 61, ikkonferma li huwa kien ezamina lil Charles Hartley u kien qed ibati minn ferita fuq in-naha tax-xellug taz-zaqq, allegatament maghmula minn ‘stabbing’. Il-gerha kienet ‘a clean cut’, f’tul ta’ zewg centimetri, b’centimetru wisa’. Huwa kkonferma li ma setax jghid dwar kemm kienet fil-fond ghaliex dan kien il-mistier ta’ kirurgu. Dr Spiteri kkonferma c-certifikat dokument PB2 a fol 16, u xehed illi wara, il-pazjent Hartley sarlu CT Scan taz-zaqq sabiex jigi accertat illi ma kienx hemm involviment tal-kavita’ abdominali, u

ghaldaqstant, din il-penetrazzjoni giet eliminata. Xorta wahda l-pazjent inzamm sabiex jibqa' taht osservazzjoni xi granet wara.

Dr Maria Gatt, a fol 65 et seq, ikkonfermat illi hija kienet ghamlet id-'discharge letter' ta' Carmel Hartley, dokument MG a fol 67.

Dr Mario Scerri esebixxa dokument MS li juri l-griehi ta' Kevin Debono, liema griehi kienu ta' natura hafifa.

Dr Joe Debono kkonferma illi huwa kien ezamina lil Hartley ma' Dr Andreovich, konsulent tieghu, u kkonferma illi l-ferita kienet fonda aktar minn zewg centimetri, din kienet 'a lacero-contused wound' u kklassifika din il-gerha bhala 'slight', stante li ma kienx hemm penetrazzjoni fil-kavita' abdominali.

Dr Andreovich, a fol 114 et seq, ikkonferma illi l-griehi kienu ta' natura hafifa, stante li ma kienx hemm penetrazzjoni fil-kavita' abdominali.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u ma jressaq ebda prova.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-verbal a fol 116, l-imputat kien ammetta t-tieni akkuza, u cioe' dik ta' pussess ta 'arma li taqta' u bil-ponta (mus), u l-garr taghha minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u ammetta wkoll li kkaguna l-feriti ta' natura hafifa fuq Hartley.

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja illi l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat Debono li kkaguna fuq il-vittma Hartley, ferita ta' natura gravi, ix-xhieda ta' Dr Andreovich u Dr Joseph Debono wrew b'mod car illi minkejja l-ferita permezz tal-mus tal-imputat kienet fonda zewg centimetri, b'fortuna kbira, kemm ghall-vittma kif ukoll ghall-imputat, din li-ferita ma ppenetratx il-kavita' abdominali, u ghaldaqstant, iz-zewg kirurgi kienu kklassifikaw tali gerha bhala ta' natura hafifa.

Illi ghal dawn il-motivi, kif ukoll fuq l-istess ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-akkuza illi kkaguna offiza ta' natura gravi, izda hati tal-akkuza minuri u cioe' li kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmel Hartley permezz ta' daqqa bi strument bil-ponta u li jaqta' (mus), hati tat-tieni akkuza, u wara li rat l-Artikolu 221(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 2, 3, 19 u 26 tal-Kap 66, tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-manjiera kiesha u bierda li biha l-imputat ta daqqa ta' mus lil Hartley minghajr ebda raguni ta' xejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------